# 18. Il-Warda tar-Rummien *

Il-warda tar-rummien bħal dik ċiniża
ħamra u b'ħames pontiet u b'ilsien aħmar
ħiereġ minn ġewwa fommha b'ħafna fosos
żgħar żgħar tad-deheb.

Iżda l-warda ċiniża meta tinxef
taqa' fit-trab tal-ġnien u flokha tħalli
fergħa ta' zokk imneżżgħa li tistenna
l-imqass taż-żabra,

Fil-waqt li l-warda tar-rummien li tinxef
tagħti twelid lill-frotta kollha mżewqa
li tarda' sitt xhur sħaħ, tismen u ttaqqal
il-fergħa 'l isfel.

Sakemm timtela sew bil-meraq demmi,
u mbagħad qaxxar u kul, itfa' ġo ħalqek
ponn ponn minn dawk is-snien u ħoss il-benna
nieżla f'gerżumtek!

** Il-warda ċiniża hija dik magħrufa bħala "Ibiscus" jew inkella 'Chinese Rose'*